Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Onor. Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Kumpilazzjoni Nru: 809/2013

Il-Pulizija

Spettur Frankie Sammut

Vs

Wendy Camilleri

Illum 16 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Wendy Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 207277M fejn giet akkuzata talli:

Matul il-perjodu ta' qabel it-28 ta' Marzu, 2013, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

F'fond, Jeanli Flat 2, Triq ic-Cimiterju, Zabbar ikkommettiet serq ta' 1250 Ewro, liema serq, li sar ghad-detriment ta' Josephine Grech minn Haz Zabbar, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur jeccedi ghal aktar minn Ewro 2,329.37 u bil-persuna;

Akkuzata wkoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f'fond 31, Suq Bonnici, Bormla ikkommetta serq ta' gojjellerija ta' lewn abjad u jew ta' lewn isfar liema serq, li sar ghad-detriment ta' Mary Camilleri minn Bormla, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix ghal aktar minn Ewro 2,329.37, u bil-persuna;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-process;

Semghet il-provi.

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputata ammettiet l-akkuzi dedotti kontriha u kkonfermat tali ammissjoni anke wara illi l-Qorti tghata zmien tikkonsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-artikoli tal-ligi, senjatament l-artikolu 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni sabet lill-imputata Wendy Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u stante li hija diga bdiet thallas l-ammont dovut minnha qed tpoggiha taht probation order ghal zmien tlett snin fejn f'dan il-perjodu il-Probation Officer hekk imqabbad ghandu jassigura illi jsir il-kumplament tal-pagamenti mill-imputata.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti flimkien ma din is-sentenza jintbghatu ghand l-Avukat Generali ai termini tal-ligi.

Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Magistrat